MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 369/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Jeffrey John Brincat et.**

**Seduta tal-lum 09 ta' Mejju, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
Jeffrey John Brincat ta' 20 sena, bin Gioacchino u Grace *nee'* Azzopardi mwieled il-Pieta' nhar is-26 ta' Mejju, 1982, u joqghod 185, Stiefnu Zerafa Street, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 290282M;

Kavin Scerri ta’ 18-il sena, bin Carmel u Maria Dolores *nee’* Grima mwieled il-Pieta’ u joqghod 21, Flat 3, Nazzareno Street, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 230384M;
Jorgen Brincat ta’ 17-il sena, bin Paul u Mary Violet *nee’* Xeureb, imwieled il-Pieta nhar id-19 ta’ Lulju, 1985 u joqghod 27, Fra Diego, Street, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 423985M;
Clint Scicluna ta’ 16-il sena, bin Raymond u Joan *nee’* Cacciattollo mwieled il-Peita nhar it-22 t’Awissu, 1986 u joqghod 148, Zerafa Street, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 406286M.

Talli fit-13 t’April, 2003, ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar (1.00p.m.) fil-Hamrun volontarjament hassartu jew gharraqtu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli cioe’ ghamiltu hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAJ-39, liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta’ Mario Cutajar mill-Hamrun.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-Art. 370(4) Kap 9 sabiex din il-kawza tkun trattatat u deciza bil-procedura sommarja.

Rat illi l-imputati rregistraw nuqqas ta’ oggezzjoni taghhom sabiex il-kawza tkun tratta u deciza bl-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibhom hatja ta’ l-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Wara li rat l-art. 325 (6) tal-Kap 9.

Wara li ezaminat il-fedina penali tal-imputati u tenut li piena karcerarja mhix adattata f’dan il-kaz, tilliberrahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-obbligi imposti fuqhom b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------